MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Numru 86/2005

**App Nru 86/05**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Portelli talli **(1)** f'diversi okkazjonijiet izda in ezekuzzjoni ta' hsieb wiehed fiz-zmien bejn it-12 ta' Settembru 2002 u l-1 ta' Jannar 2003 volontarjament hassar u ghamel hsara fil-proprjeta` ta' Paul Portelli billi f'zewg okkazjonijiet separati harat il-wicc tar-raba' illi l-imsemmi Paul Portelli kellu f'bicca raba' maghrufa "Tal-Bitha" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira (Lm500) u dan bi ksur tal-Artikolu

325 tal-Kodici Kriminali; u aktar **(2)** talli fl-istess zmien u cirkostanzi hawn fuq imsemmija minghajr il-hsieb li jisraq, jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Paul Portelli minn Nadur fil-pussess ta' l-imsemmija bicca raba' maghrufa bhala "Tal-Bitha" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, billi f'zewg okkazjonijiet separati dahal fl-istess raba' u harat il-prodott illi l-imsemmi Paul Portelli kellu f'din ir-raba', u dan bi ksur tal-Artikolu 85 ta' l-imsemmi Kodici; il-prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija, minbarra l-piena, il-hati jigi ordnat ma jommolestax lil Paul Portelli fil-pussess ta' hwejjgu, u dan fit-termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-8 ta' Marzu 2005 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Portelli hati skond iz-zewg imputazzjonijiet[1] u kkundannatu multa komplessiva ta' mija u hamsin lira (Lm150); inoltre dik il-qorti rabtet lill-hati skond l-Artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali li "ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil huh Paul Portelli" ghal periodu ta' sitt xhur taht penali ta' hamsin lira (Lm50) fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Portelli, minnu prezentat fit-28 ta' Marzu 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

**1.** L-appellant ghandu tlett aggravji, li tnejn minnhom – l-ewwel tnejn – jistghu effettivament jigu kkunsidrati flimkien. Dawn l-ewwel zewg aggravji huma fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-fatti fir-rigward ta' l-imputazzjoni ta' *ragion fattasi* (l-ewwel aggravju) u li applikat b'mod skorrett l-Artikolu 85 tal-

[1] Id-*decide* tas-sentenza jghid testwalment hekk: ***"Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 85 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH PORTELLI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija w hamsin lira maltin. Oltre dan, ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tobbliga lill-imputat li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil huh Paul Portelli ghal periodu ta' sitt (6) xhur mill-lum taht penali ta' hamsin lira maltin fin-nuqqas."***

Kodici Kriminali (it-tieni aggravju). Skond l-appellant – u dan hu l-element komuni bejn iz-zewg aggravji – hu ma fixkel bl-ebda mod lil Paul Portelli fil-pussess ta' xi haga li kien igawdi ghax l-istess Paul Portelli kien spussessa ruhu mill-ghalqa in kwistjoni (li fi kwalunkwe kaz it-tnejn li huma kienu ko-proprjetarji taghha) meta ghaddiha li certu Victor Scerri. It-tielet aggravju jirrigwarda t-tielet imputazzjoni ta' hsara volontarja: l-appellant f'dan ir-rigward ighid li ma jirrizulta minn imkien li kien hu li kkaguna l-hsara in kwistjoni, u fi kwalunkwe kaz ma ngabet ebda prova tal-ammont, ossia valur, tal-hsara allegatament kagunata minnu.

**2.** Jibda biex jinghad li mhux ghal kollox car ghal din il-Qorti kif l-ewwel qorti waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija kemm fir-rigward ta' l-ewwel (hsara <u>volontarja</u>) kif ukoll fir-rigward tat-tieni imputazzjoni <u>fuq l-istess fatti</u>. Dan qed jinghad ghax wiehed mill-elementi biex jissussisti r-reat ta' *ragion fattasi* skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huwa li dak il-fatt ma jkunx jammonta ghal reat aktar gravi – fil-gurisprudenza, citata kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fir-rikors ta' l-appell, l-espressjoni wzata hija *"in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi"*. Dan ir-rekwizit johrog mill-kliem tal-ligi stess -- biex ikun hemm ir-reat in kwistjoni ma jridx ikun hemm il-hsieb li wiehed jisraq jew li jaghmel il-hsara izda <u>biss</u> il-hsieb li wiehed jezercita jedd li jippretendi li ghandu[2]. <u>Dwar dan il-punt, pero`, ma hemm proprjament ebda aggravju</u>. Huwa minnu li l-appellant ighid, f'pagna 4 tar-rikors tieghu, li kienu neqsin tnejn mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, wiehed minnhom proprju *"in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi"*. Izda meta in segwitu (f'pagna 7 tar-rikors) l-appellant jipprova jispjega jew jelabora kif dan ir-rekwizit huwa nieqes, huwa jhawwad it-"titolu" fis-sens ta' fatt li jammonta ghal reat mat-titolu civili li hu jippretendi li ghandu fuq l-ghalqa in kwistjoni. Infatti l-appellant ighid hekk: *"Rigward il-karenza tar-raba' element, ma jistax jinghad li l-imputat ma kellu l-ebda titolu fuq ir-raba' in kwistjoni. Huwa komproprjetarju ta' din ir-raba', u bhala*

[2] Ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Mario Lungaro*** App. Krim. 15/11/1996, u ***Il-Pulizija v. Mario Bezzina*** App. Krim. 26/5/2004.

*komproprjetarju Joseph Portelli kellu kull dritt li jhares il-proprjeta` tieghu inkluza dina l-ghalqa."* Fil-fatt, ir-raba' element kostituttiv ta' dana r-reat ikun ahjar li jigi espress fil-kliem **"l-att ma jinkwadrax ruhhu f'reat aktar gravi"**, kif ghamlet din il-Qorti, sedenti l-Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, fis-sentenza tad-19 ta' Gunju 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Eileen Said***. Galadarba, kif diga nghad, ma hemmx aggravju specifikatament fuq din il-konflitwalita` bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, din il-Qorti sejra ghalissa tieqaf hawn fuq din il-kwistjoni.

**3.** Mill-kumpless tal-provi, u specjalment mid-deposizzjoni kemm ta' Victor Scerri kif ukoll mid-deposizzjoni ta' l-istess appellant, allura imputat, quddiem l-ewwel qorti, din il-Qorti hi sodisfatta li f'dan il-kaz jikkonfigura r-reat ta' *ragion fattasi.* Infatti jirrizulta ampjament li l-ghalqa in kwistjoni Paul Portelli (il-kwerelant) kien ilu jahdimha mill-1984, u dan ad eskluzjoni ta' hutu l-ohra, inkluz l-appellant. Gara, izda, li ftit wara Awissu tas-sena 2001 Paul Portelli ftiehem ma' Victor Scerri biex ghal periodu ta' sena dana Scerri jizra' f'din l-ghalqa affarijiet differenti milli kien jizra' l-istess Paul Portelli, u dana bl-iskop li r-raba' tistrieh; filwaqt li ghal dik is-sena Paul Portelli zera' x-xghir li kien soltu jizra' f'ghalqa ta' Scerri. Qabel ma Scerri hareg mill-ghalqa huwa gie avvicinat mill-imputat li "ikkonvinca" lill-istess Scerri – Scerri jghid li l-imputat heddu – sabiex jiffirma karta fejn Scerri obbliga ruhhu li johrog mill-ghalqa kif appena jaqta' l-prodott li kien zera'. Din evidentement kienet stratagemma da parti ta' l-appellant biex jipprova ma jhallix lil huh ikompli jahdem l-ghalqa in kwistjoni li kienet ilha fil-pussess tieghu (cioe` ta' dan huh) ghal diversi snin kif inghad. In fatti, hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li appena Scerri qata' l-prodott tieghu u hareg mill-ghalqa, <u>il-pussess ta' l-istess ghalqa irreverta minnufih ghand Paul Portelli</u> (skond il-ftehim originali li kellu ma' Scerri); bil-konsegwenza li kif appena dana Paul Portelli sar jaf li kien hemm xi hadd li zera' xi haga fl-ghalqa li kien jahdem, huwa kien intitolat li minnufih jahrat l-istess ghalqa u jnehhi dak li haddiehor kien zera' – *vim vi repellere licet*. Mill-banda l-ohra l-appellant b'ebda mod ma kien intitolat li jidhol fl-ghalqa li kienet fil-pussess ta' Paul Portelli u jizra' fuq dak li kien

zera' l-istess Paul Portelli. Konsegwentement l-ewwel zewg aggravji qed jigu respinti.

**4.** Kwantu ghat-tielet aggravju, skond id-deposizzjoni ta' l-istess appellant, kien hu li zera' fl-ghalqa in kwistjoni ghall-anqas darbtejn fil-periodu inkriminat, u ghalhekk zgur li ma jistax ighid li ma hemmx il-prova li kien hu li kkaguna l-hsara fil-proprjeta` ta' huh Paul Portelli. Ghal dak li jirrigwarda l-*qunatum* tal-hsara, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala m'ghandhiex toqghod fuq dak li xehed Paul Portelli a fol. 16, u cioe` li l-hsara kienet tammonta ghal hamsa w erbghin lira (Lm45) f'kull okkazzjoni. Pero`, fid-dawl ta' dak li gie osservat fil-paragrafu nru **1** *supra*, din il-Qorti hi tal-fehma li din il-hsara ghandha neccessarjament tigi kkunsidrata bhala ta' natura involontarja in kwantu konsegwenzjali ghar-reat ta' *ragion fattasi*.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

I. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Joseph Portelli hati skond it-tieni imputazzjoni kif ukoll f'dik il-parti fejn rabtitu skond ma jipprovdi l-Artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil huh Paul Portelli ghall-periodu ta' sitt xhur taht penali ta' hamsin lira fin-nuqqas (u b'dan li l-periodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mil-lum); izda

II. thassraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' hsara volontarja skond l-ewwel imputazzjoni kif ukoll thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' mija w hamsin lira, u minflok tiddikjara lill-istess Joseph Portelli hati ta' hsara involontarja fit-termini ta' l-Artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali u tikkundannah (fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet) multa ta' disghin lira (Lm90), konvertibbli fi tmintax-il gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

U peress li mill-atti ma jirrizultax li l-appellant wettaq l-obbligazzjoni bil-miktub kif jirrikjedi l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali, tordna li din issir bil-miktub fl-atti ta' dana l-appell bil-forma kif hawn annessa ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------